MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Talba Numru. 1661/2005

**Island Insurance Brokers Limited (C10536)**

**Vs**

**FX Garage Co. Limited (C19562)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Awissu, 2005, fejn gie premess illi l-atturi li jahdmu bhala Insurance Brokers gew inkarigati mill-konvenuti sabiex isibu assigurazzjoni ghall-motor fleets taghhom b'effett mill-1 ta' Frar 2005; illi effettivament, wara diversi tfittxijiet l-atturi sabu assigurazzjoni li kienet disposta li tassigura l-flotta u dan entro l-budget stipulat mill-konvenuti; illi l-konvenuti accettaw din il-proposta – verbalment fit-28 ta' Dicembru 2004, u bil-miktub fl-4 ta' Jannar 2005 – u taw struzzjonijiet irrevokabli sabiex din il-flotta tigi assigurata mac-Citadel Insurance plc; illi sussegwentement l-

konvenuti kkancellaw l-istruzzjonijiet lill-attur u informawh li ser jassiguraw banda ohra; illi minhabba l-agir tal-konvenuti l-attur tilef il-brokerage commission li kien jkun intitolat ghalih kieku l-polza saret liema brokerage fee kien jkun ekwivalenti ghal ftit inqas minn tlett elef Lira Maltin; illi b'rizultat tal-operat tal-attur, il-konvenuti hadu beneficcju sostanzjali fis-sens illi huma usufruwixxaw mis-servizzi tal-attur sabiex jottjenu quotation beneficcjali minghand haddiehor ; illi inoltre l-attur hadem hafna fuq l-istruzzjonijiet tal-konvenuti u ta' dan x-xoghol haqqu kumpens; illi huwa ekwu u gust li jigi likwidat l-kumpens li ghalih intitolat l-attur in vista tal-premess liema kumpens jammonta ghal elf, erba` mija u sitta u sittin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,466.25). Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti tas-16 ta' Settembru 2005, fejn gie ecceppit illi t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex fl-ewwel lok, ma kien hemm ebda struzzjonijiet irrevokabbli, u l-ittra tal-4 ta' Jannar 2005 ittiehdet b'qerq u taht dikjarazzjonijiet verbal qarrieqa maghmulin mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici. Fit-tieni lok Broker huwa sensar, u jekk bhal ma gara f'dan il-kaz huwa ma jkunx laqqa` lill-partijiet, ippartecipa fin-negozjati u ghalaq in-negozju, ma hemmx senserija. F'dan il-kaz lanqas m'hemm dritt ta' kumpens ghal servigi, ghaliex in-negozju finali inghalaq l-ghada minn broker iehor ma insurer iehor, u minghajr ebda intervent utili tas-socjeta` attrici. Fit-tielet lok, bhala broker is-socjeta` attrici ghandha obbligu preciz illi tottjeni l-aqwa kundizzjonijiet fuq is-suq ghall-klijent, u fil-fatt dan ma rnexxielhix taghmlu, kwindi naqset milli tadempixxi kwalunkwe inkarigu li setghet inghatat u kwindi jekk kien hemm kuntratt bejn il-partijiet, dan gie mahlul.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-kwistjoni kollha fil-qosor, tikkoncerna jekk insurance broker huwiex intitolat ghal kumpens ghax-xoghol illi jkun wettaq ghal prospettiv klijent tieghu, jekk in effetti l-istess insurance broker ma jkunx ghalaq in-negozju bejn il-prospettiv klijent tieghu u l-kumpanija ta’ l-assikurazzjoni.

Fil-kaz odjern s-socjeta` attrici stess kienet hajjret lis-socjeta` konvenuta sabiex tpoggi l-flotta ta’ vetturi taghha fl-insurance maghha. (Paul Borg – fol 11). Jistqarr illi peress illi kellhom flotta pjuttost kbira – “*setghu kienu klijenti prospettivi tajbin taghna*”.

**Paul Borg** jghid illi xogholu kien li jgib prezz u kundizzjonijiet ta’ assikurazzjoni tajbin – u kien intlahaq ftehim illi jekk jirnexxilhom igibu assikurazzjoni bi premium ta’ madwar disa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm29,000) fis-sena – allura kellhom jaqilbu l-flotta maghhom.

Paul Borg jghid illi kellmu lis-Citadel Insurance u sussegwentement kitbu lill-kovenuti – dok PBI (fol 15). Jghid illi Marika Borg ghan-nom ta’ FX Garage Ltd accettat il-proposta maghmula b’din l-ittra.

Permezz ta’ Dok PB2 (fol 20), l-istess Marika Borg kienet gharrfet lis-socjeta` attrici illi kellha offerta ahjar minn ghand l-Allcare Insurance u kienet ser taccetta l-offerta ta’ Allcare Insurance.

Paul Borg jispjega illi bhala kumpens ghax-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici – qed jintalab nofs il-commission illi kieku kienet tkun dovuta lilhom kieku l-flotta giet assikurata mas-Citadel Insurance.

**Jonathan Abela**, Manager mas-socjeta` attrici esebixxa Dok JA1 (fol 27) illi hija appointment moghtija mis-socjeta` konvenuta sabiex huma jagixxu ta’ brokers.

Anke Jonathan Abela jitkellem fuq il-konvenuti bhala “*prospective clients*” – u kif ukoll kien izommhom infurmati bit-trattattivi li kien ikollu billi kull domanda li jressqu c-

Citadel, kien jghaddiha lill-konvenuti, u kull risposta, jghaddiha lura lis-Citadel.

In kontro-ezami (18.10.06), Jonathan Abela jghid illi joggezzjona illi quotation tieghu tintuza mill-*prospective client* sabiex iqabbel ma kwotazzjonijiet ta’ haddiehor peress illi “*jiena kelli order, apparti li kelli l-Brokers appointment*”.

**Ramon Mizzi**, in rapprezentanza tac-Citadel Insurance Plc (fol 29 et seq) xehed illi Jonathan Abela kien talbu quote ta’ insurance fis-16 ta’ Settembru 2004 ghall-flotta ta’ FX Garage Ltd sabiex tidhol fis-sehh fl-1 ta’ Frar 2005.

Jghid illi wara li gabar l-informazzjoni, fl-4 ta’ Jannar 2005, ssottometta lil Jonathan Abela il-quotation rikjesta. Xehed illi wara li kollox deher illi ser jiksbu l-assikurazzjoni tal-flotta ta’ FX Garage Ltd, fil-5 ta’ Jannar 2005 gie mgharraf illi kien spicca kollox. Jghid wkoll illi ma jidhirlux illi kienu wasslu l-proposal forms ghandhom. Kif xehed Ramon Mizzi stess, minkejja illi kienu kkonkludew – ir-raguni li l-poloz ma’ harrgux kienet illi “*kien hemm kompetitur taghna illi ta’ xi poloz aktar vantaggjuzi*”. (fol 31).

L-istess Ramon Mizzi jikkonferma wkoll illi “*din ma kinitx l-ewwel darba li ahna kwotajna fuq dan l-account, igifieri ghal FX Garage*”.

**Marika Borg** in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta xehdet (fol 38 et seq) illi s-socjeta` attrici kienet ilha tavvicinha minn zmien ghal zmien dwar l-assikurazzjoni tal-flotta taghha ghal madwar disa` snin. Tghid wkoll illi l-flotta kienet assikurata ma’ Allcare u nfurmathom illi kien ser ikollha offerta ta’ prezzijiet tajbin minn haddiehor – filwaqt illi stqarret illi qatt ma kellha problema bl-Allcare.

Marika Borg tghid illi kellha l-prezzijiet tas-socjeta` attrici u kienet qed tistenna prezzijiet riveduti mill-Allcare, u f’dan il-frattemp Paul Borg kien mar l-ufficcju taghha biex tiffirmalu karta li “*qalli biex niffirmahielu biex ma joqhodx gej u sejjer*”. Kien qallha wkoll illi jekk ma tavveriex ruhha

l-assikurazzjoni maghhom "*ma kien gara xejn, hbieb konna u mija nibqghu*".

Hi tghid illi meta harrgu l-prezzijiet ta' l-Allcare - ittiehdet decizjoni li jibqghu assikurati maghhom, liema decizjoni giet komunikata bl-e-mail, esebita u mmarkata Dok MB1 (fol 36).

Esebiet wkoll Dok MB2 (fol 37) li hija r-risposta tal-konvenuti ghall-kont ta' l-Island Insurance.

In kontro-ezami (30.11.06), Marika Borg tghid illi l-Allcare kienu mgharrfa b'dak li kienu qed jaghmlu l-Island Insurance peress illi dawn ta' l-ahhar kienu qed jitolbuha *claims history* illi bilfors kellha ggibhom minnghand l-Allcare, u meta dawn ndunaw illi l-konvenuti setghu igibu prezz ahjar – "*iddecidew li jaghtuna anke huma prezzijiet ahjar minn dawk li kellna*".

Dwar il-firma taghha fuq Dok PB1, Marika Borg qalet li tgharafha pero` "*dawn kienu jigu wisq mghagglin u kienu jghiduli ffirmali wahda hawnekk halli nkunu nistghu nkomplu*". Tghid wkoll illi anke s-socjeta` attrici kienet tgharrafhom illi kienet qed tistenna *quotation* minghand l-Allcare.

It-Tribunal ihoss illi dawn huma l-punti l-aktar saljenti u rilevanti mix-xhiedha kollha migbura.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi Dok PB1 hija ittra tas-socjeta` attrici lill-konvenuti li tindikalhom l-kundizzjonijiet li l-istess socjeta` attrici rnexxielha tottjeni ghall-assikurazzjoni tal-flotta ta' FX Garage, liema ittra hija wkoll iffirmata minn Marika Borg fejn ikkonfermat "*my verbal advice to you of the 28th December 2004 and irrevocably instruct you to place my fleet insurance with Citadel Insurance plc as per terms indicated above*".

Illi Dok PB2 (l-istess bhal Dok MB1) hija l-e-mail tal-konvenuti, datata l-ghada ta' Dok PB1, li permezz taghha

tinforma lis-socjeta` attrici li kienu qed jaccettaw l-offerta ta' Allcare ghan-nom ta' MiddleSea Insurance, offerta aktar baxxa minn tas-socjeta` attrici.

Dok PB3 u Dok MB2 hija korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi s-socjeta` attrici hija Insurance Broker u kif indikat minn Dok JA1 – hija giet mitluba mill-konvenuti sabiex tagixxi ta' Insurance Broker u konsulenti.

Il-**Kap 487 tal-Ligijiet ta' Malta**, (Artikolu 2 – Tifsira u ghan) jiddifenixxi 'broker fl-assikurazzjoni' bhala :

*persuna li tmexxi l-kummerc ta' broking fl-assikurazzjoni*

filwaqt illi l-**Iskeda** annessa ma' l-istess Kap 487 jiddifenixxi x-xoghol ta' broker fl-assikurazzjoni Indipendenti bhala :

*Attivitajiet professjonali ta' persuni mnizzlin fl-Ewwel Kolonna ta' din l-Iskeda li, b'liberta` assoluta dwar l-ghazla taghhom ta' assiguraturi legittimi, ilaqqghu flimkien, bil-hsieb ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni ta' riskji jew irbit, persuni li jkunu qed ifittxu assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni u assiguraturi jew riassiguraturi, jaghmlu xoghol preparatorju biex jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni u, meta jkun xieraq, jassistu fl-amministrazzjoni u twettiq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-kaz ta' claim*.

Illi mkien ma' l-Att msemmi, Att XII tat-2006 (Kap 487) u wisq anqas l-Att XVII tal-1998 (Kap 403) – Att dwar il-Kummerc ta' l-Assigurazzjoni – ma' jissemma xejn dwar drittijiet li jistghu jkunu dovuti lill-brokers ghal qadi ta'dmirijiethom meta l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni ma jigux konkluzi.

Illi lanqas id-Direttivi mahruga mill-**Malta Financial Services Authority** (MFSA) – *Insurance Intermediary*

*Directives* – ma jirrizulta lit-Tribunal illi jistipulaw xi provvedimenti dwar hlasijiet li jistghu jkunu dovuti lill-Brokers ghall-kazijiet bhal dan in ezami. Anke jekk hemm l'fuq minn ghoxrin direttiva li jirregolaw l-Insurance Intermediaries, allura wkoll il-Brokers.

Ikkunsidrat dan kollu, it-Tribunal irid issa jaghmel analizi u jiddeciedi principalment dwar dawn il-kwistjonijiet :

(a) Il-validita` o meno ta' l-istruzzjoni irrevokabbli li tinsab f'Dok PB1.

(b) Jekk l-agir tal-konvenuti wassalx ghal xi telf jew hsara sofferta mis-socjeta` attrici tradotta f'telf ta' qliegh, brokerage commission, kif premess fl-Avviz promoter, u

(c) Hux gustifikat, ekwu u giust illi s-socjeta` attrici, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tinghata kumpens ammontanti ghal elf, erba` mija u sitta u sittin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1466.25), nofs l-*commission* illi kienet tkun dovuta lis-socjeta` attrici kieku l-poloz ta' l-assikurazzjoni bejn il-konvenuti u s-Citadel Plc gew konkluzi.

Qabel xejn it-Tribunal jiltaq mill-principju illi f'Malta ghandna suq hieles u persuna li trid tassikura vettura wahda jew flotta ghandha kull dritt illi tfittex u tindaga biex iggib l-aqwa prezzijiet u kundizzjonijiet ta' assikurazzjoni, qabel tikkonkludi l-kuntratti ta' l-assikurazzjoni. U sakemm kollox ikun permess mil-ligi, it-Tribunal ihoss illi anke fil-qasam ta' l-assikurazzjoni, bhal f'kull qasam iehor hieles tas-servizzi – kull persuna ghandu jkollha d-dritt illi tfittex u ssib l-aqwa servizz li bih tista` tinqeda, inkluz il-prezz ta' tali servizz jew prodott.

L-Iskeda li wiehed isib fil-Kap 487 kif hawn fuq ikkwotat, tghid illi broker fl-assikurazzjoni ghandu "*ilaqqghu flimkien, bil-hsieb ta' assikurazzjoni jew rijassikurazzjoni ta' riskji jew irbit, persuni li jkunu qed ifittxu assikurazzjoni jew riassikurazzjoni u assiguraturi jew rijassiguraturi, jaghmlu xoghol preparatorju biex jikkonkludi kuntratti ta' assikurazzjoni jew rijassikurazzjoni…..*"

Illi ghalhekk it-Tribunal jifhem illi dan l-provvediment tal-ligi jippresumi u jindika illi x-xoghol ta’ broker fuq kull bicca xoghol ikun komplut meta jigi konkluz il-kuntratt ta’ assikurazzjoni jew rijassikurazzjoni. It-Tribunal b’dan jifhem illi allura tinhareg il-polza ta’ l-assikurazzjoni lill-persuna li jkun qed ifittixha u li jkun otteniha bl-intervent u x-xoghol tal-broker. U f’tali eventwalita`, il-broker jigi ntitolat ghall-*commission fees* tieghu.

B’dana kollu, jekk il-polza, ghal raguni jew ohra, ma tkunx inharget, bhal fil-kaz de quo, allura l-broker, ikun ha kemm ikun ha xoghol, ma jistghax jinghad illi kkonkluda l-inkarigu u l-attivita` tieghu fl-intier taghha, b’dan illi l-commission fuq il-hrug tal-polza ma tista` qatt titqies dovuta. Lanqas ma jista` jitqies dovut nofs jew persentagg kwalsiasi iehor tal-*Commission* li kienet tkun dovuta lill-broker kieku gew konkluzi u mahruga l-poloz – ghax dan ma jirrizulta minn mkien u ma jidhirx illi ghandu xi fondament guridiku jew bazi legali naxxenti minn xi dritt moghti lill-Brokers minn ligi jew direttiva. Almenu t-Tribunal ma jirrizultalux illi dan gie ppruvat fil-kors ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk iqis il-pretensjoni tas-socjeta` attrici illi jitolbu nofs il-valur tal-commission li kienet tkun dovuta lilha kieku il-kuntratti gew konkluzi bhala nieqsa minn kull bazi u fondament giuridiku u legali.

Allura anke jekk u kieku huwa moralment ekwu u giust illi l-broker jinghata kumpens ghax-xoghol li wettaq billi jigi likwidat kumpens ghalih kif minnhu mitlub, (ibbazat fuq il-principju illi kulhadd ghandu jkun ikkumpensat ghax-xoghol u servizzi minnhu rezi), b’dan kollu it-Tribunal ma jsib ebda konfort legislattiv u allura ma jsib ebda sostenn u fondament legali biex dan ikun jista` jakkordah fil-principju u wisq anqas fl-ammont jew fil-valur ta’ kif ghandu jigi likwidat.

Dan imur biex jirrispondi it-tielet punt (c) hawn fuq msemmi li ghandu jigi deciz mit-Tribunal.

Dwar it-tieni punt (b), it-Tribunal jifhem illi broker jista` jkun ha hafna xoghol fil-preparamenti tieghu bl-intiza illi l-klijent

prospettiv jassikura ma’ l-assikurazzjoni ‘rapprezentata’ mill-broker. Imma jekk dan ma jirnexxix u l-poloz ma jinhargux, allura ma’ jistghax jinghad illi l-broker sofra xi telf ta’ qliegh. Gia la darba stabbilit illi ‘*prospective client*’ ghandu dritt jaghzel assikurazzjoni minn ohra ghax il-kundizzjonijiet jistghu ikunu aktar vantaggjuzi jew ghax hekk jidhirlu l-klijent prospettiv ghall-liema raguni tkun – allura jsegwi illi jekk broker ma jaghlaqx il-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni – dan ma ghandux ifisser illi sofra xi telf ta’ qliegh. U t-Tribunal, marbut ma’ konsiderazzjoni maghmula hawn aktar il-fuq illi forsi huwa moralment giustifikat illi wiehed jahseb illi ghandu jigi kkumpensat tax-xoghol li jkun ha anke jekk mhux konkluz, irid jirrimarka illi tali kumpens ma hux lanqas ekwivalenti ghal u ma jistghax lanqas jigi tradott f’telf ta’ qliegh.

Bhal f’kull settur iehor tas-servizzi – sakem mhux mod iehor regolat – bhal per ezempju fis-senserija. Veru illi anke jekk negozju ma jigix konkluz, sensar xorta jista` jkollu dritt ghal certi servigi illli jkun rrenda – hekk kif stabbilit bil-ligijiet u bil-gurisprudenza vasta taghna. Imma kwalsiasi kumpens ghal servigi rezi mhux ammontanti ghal senserija u jekk senserija ma tkunx dovuta, lanqas ma sensar jista` jghid illi sofra telf ta’ qliegh.

Dan it-Tribunal ma jiddejjaq xejn ikun pro-attiv izda definittivament mhux ser jiehu post il-legislatur u jistabilixxi hu precedent u dritt lill-Broker illi jithallas ta’ xoghol li hu, anke jekk mhux tort tieghu, ma setghax jikkonkludi.

Dan maghdud u minghajr pregudizzju ghalih, irid jigi osservat illi quddiem dan it-Tribunal lanqas ma giet ippruvata l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici illi s-socjeta` assikuratrici li spiccat ikkonkludiet mal-konvenuti (Allcare) uzat il-prezzijiet migjuba mis-socjeta` attrici (minn ghand Citadel) biex taghmel l-offerti taghha u tikkonkludi bl-informazzjoni miksuba mis-socjeta` attrici.

Il-Broker, qieghed, bis-servizz tieghu, ibiegh prodott ta’ haddiehor – polza ta’ l-assikurazzjoni mahruga minn socjeta` ta’ l-assikurazzjoni. B’analogija allura jekk it-Tribunal jikkoncedi dritt ghal hlas fil-kaz de quo, forsi anke

*salesman* ta’ vettura, illi jkun qatta` hin ma ‘*prospective client*’, jurih il-vettura, il-magna, jiehdu ghal *test drive* etc – jkun intitolat ghal kumpens anke jekk ma jirnexxilux jaghlaq in-negozju ghax il-‘*prospective client*’ sab li bl-istess prezz jew prezz ahjar jista` jixtri vettura ohra simili jew ahjar? It-Tribunal ma jhossx illi dan ghandu jkun il-kaz.

Fid-dawl ta’ dan ghalhekk illi it-tieni punt (b) ma` jistghax jigi akkolt favorevolment ghas-socjeta` attrici. Il-*brokerage fees* kienu jkunu dovuti lis-socjeta` attrici biss kieku l-*prospective client* ma baqghax *prospective client* u sar klijent b’mod illi jinharrgu il-poloz relattivi ta’ l-assikurazzjoni – haga li hawnekk ma sehhitx.

Tenut kont dan allura, it-Tribunal ma jistghax jikkondividi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici illi hija tilfet xi *commission*, proprju ghax commission ma kinitx dovuta. Dan jidher fil-fatt ammess mill-premessi stess ta’ l-Avviz meta jinghad illi “*minhabba agir tal-konvenuti l-attur tilef l-brokerage commission li kien ikun intitolat ghalih kieku l-polza saret…*”. Imma minn naha l-ohra ma jistghax jikkondividi il-hsieb tas-socjeta` attrici illi ntilef dak il-commission minhabba xi agir tal-konvenuti.

Ma jirrizultax mill-provi kollha prodotti illi l-konvenuti agixxew b‘mod tali li kkawzaw xi hsara lis-socjeta` attrici – liema agir, kieku irrizulta, kien iwassal lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jaghmlu tajjeb ghal dik il-hsara.

Il-ligi taghna titkellem car u kull min hu responsabbli ghal hsara sofferta minn haddiehor, irid jaghmel tajjeb ghaliha. It-Tribunal, minn dak kollu li rrizultalu kif hawn fuq spjegat, ma jistghax isib illi l-konvenuti jew minn minnhom agixxew b’mod illecitu, irresponsabbli, b’negligenza jew b’mod iehor illi jista` jwassal biex jiddikjara illi ghandhom jaghmlu tajjeb ghal xi hsara sofferta mis-socjeta` konvenuta. Oltre` dan – lanqas jirrizulta illi in effetti s-socjeta` attrici sofriet xi telf konsegwenza ta’ xi agir tal-konvenuti jew min minnhom.

U gja la darba ma jirrizultax hsara u wisq anqas responsabbilita` ghal tali hsara, naturalment, ma tikkonkorri ebda wahda mill-elementi rikjesti sabiex it-Tribunal jakkolja it-talbiet attrici.

Dwar l-ewwel punt (a), ossia il-validita` o meno ta' l-istruzzjoni irrevokabbli – it-Tribunal jilqa` s-sottomissjoni tal-konvenuti illi ebda mandat mhu irrevokabbli u jista` dejjem jigi terminat mill-mandant.

It-Tribunal isib konfort dwar dan fl-Artikoli 1886 et seq tal-Kodici Civili u ma jhossx ghalhekk illi s-socjeta` attrici hija korretta illi titlob li tali firma ghal dik li hi sejjah "*struzzjonijiet" irrevokabbli*" minghand il-'prospective client' taghha.

Maghdud dan it-Tribunal ihoss illi huwa superfluwu illi jidhol fil-mertu ta' kif ingiebet dik il-firma u jekk hux accettabbli l-mod kif saret dik il-firma jew le, anke jekk –it-Tribunal ihoss illi s-socjeta` attrici ghandha timxi b'aktar kawtela u retezza mal-*prospective clients* taghha.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, ghalhekk, it-Tribunal ihoss illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi mhux sostenibbli li tghid illi kien hemm struzzjonijiet irrevokabbli, ma jikkondevidix it-tezi tas-socjeta` attrici li hija sofriet hsara f'telf ta' qliegh konsegwenza ta' l-agir tal-konvenuti u fuq kollox ma jistghax jkun hemm kumpens ghax-xoghol li seta` ghamel l-broker fil-kors ta' dmirijithu – u dan kollu ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------